Il-Kummissjoni Ewropea

Id-differenzi fil-kwalità tal-istess prodotti tal-ikel:

Gwida ġdida għall-Istati Membri tal-UE

Skeda informattiva | 26 ta' Settembru 2017

Věra Jourová

Il-Kummissarju. Ġustizzja, Konsumatur u Ugwaljanza bejn, is-Sessi

Id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi

L-għan tal-gwida li ġiet adottata llum mill-Kummissjoni hija li tgħin lill-awtoritajiet nazzjonali biex jagħmlu użu aħjar mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ikel u l-konsumaturi biex jidentifikaw u jindirizzaw l-istandards doppji mhux ġustifikati.

"Mhuwiex sew li l-persuni jinbigħilhom ikel ta' kwalità inferjuri minn dik ta' pajjiżi oħra, minkejja li l-imballaġġ u l-immarkar ikunu l-istess. Issa rridu narmaw lill-awtoritajiet nazzjonali biex iwaqqfu kwalunkwe prattika illegali kull fejn tkun teżisti. Fl-Ewropa ma jistax ikun hemm konsumaturi tat-tieni klassi."

Il-President tal-Kummissjoni Ewropea Juncker, fid-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni, it-13 ta' Settembru 2017

"Li l-konsumaturi jiġu ppreżentati b'żewġ prodotti differenti f'pakketti bl-istess ditta huwa qarrieqi u inġust fil-konfront tagħhom. Qegħdin naħdmu biex intemmu din il-prattika, li hija pprojbita taħt il-liġi tal-UE. Irridu li l-konsumaturi fl-UE kollha jiġu ttrattati bl-istess mod."

Věra Jourová, Kummissarju għall-Ġustizzja, il-Konsumaturi u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

X'inhi l-kwistjoni?

Xi konsumaturi minn għadd ta' pajjiżi tal-UE lmentaw li l-kwalità ta' ċerti prodotti hija inferjuri f'pajjiżhom meta mqabbla ma' dik ta' prodotti simili mill-istess produttur mibjugħin taħt l-istess ditta f'pajjiż in-naħa l-oħra tal-fruntiera.

Din il-kwistjoni tikkonċerna l-ikel imqiegħed fis-suq bl-istess ditta u imballaġġ f'bosta Stati Membri tal-UE u li għandu differenzi fil-kompożizzjoni tiegħu li aktarx ikunu ta' importanza għad-deċiżjoni ta' konsumatur jixtrix prodott. Il-mistoqsija ewlenija għall-konsumatur hi: "Dan il-prodott xorta kont nixtrih li kieku kont naf li hemm differenza sinifikanti bejnu u l-istess prodott li doqt fi Stat Membru ieħor?"

Meta t-tweġiba tkun "le", il-konsumatur ma jkunx ingħata biżżejjed informazzjoni. Il-Konsumaturi għandhom ikunu f'pożizzjoni li jifhmu l-karatteristiċi ewlnin tal-prodott li jkunu qed jixtru.

Fil-prattika, il-gwida tal-Kummissjoni kif jistgħu jużawha l-awtoritajiet nazzjonali?

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ikel tagħti lista ta' informazzjoni importanti li l-produttur irid jipprovdi fuq il-pakketti tal-prodotti. Din l-informazzjoni importanti u l-istandards ta' sikurezza alimentari jridu jiġu rrispettati f'kull każ.

Madankollu, in-negozji fis-settur tal-ikel iridu wkoll joqogħdu lura minn imġiba qarrieqa li hija rregolata fid-Direttiva tal-UE dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali (UCPD).

Il-gwida għandha l-għan li tiffaċilita l-applikazzjoni prattika tad-dritt tal-Unjoni eżistenti u tipprevedi linji gwida komuni għall-investigazzjoni biex min jinforza l-liġi jkun jista' jagħmel il-valutazzjoni tiegħu. Din se tgħin ukoll biex in-negozji jġibu ċ-ċarezza fl-istrateġiji tal-marketing tagħhom.

Eżempji ta' differenzi fil-prodotti

Ditta tal-kafè tbigħ kafè b'anqas kafeina u aktar zokkor f'żewġ pajjiżi, b'marka simili.

Il-fish fingers iffriżati fihom inqas ħut fost pajjiżi differenti, filwaqt li bażikament jiġu kkummerċjalizzati b'imballaġġ prattikament identiku.

L-ice tea fih inqas zokkor u juża sweeteners artifiċjali minflok f'xi pajjiżi

Il-gwida fiha wkoll flowchart li tispjega kif għandhom jiġu vvalutati prattiki kummerċjali potenzjalment inġusti:



Il-menù ta' azzjonijiet tal-Kummissjoni

Azzjoni	X'sar s'issa	Il-passi li jmiss
Proġetti nazzjonali	30 ta' Novembru 2017 skadenza fis-sejħa għal proposti li għaddejja	L-awtoritajiet nazzjonali se jipproponu l-proġetti u jimplimentawhom tul it-3 snin li ġejjin (kemm idumu validi l-fondi)
L-approċċ ta' ttestjar armonizzat taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni	Settembru 2017 Laqgħa tal-JRC ma' rappreżentanti tal-laboratorji li għamlu t-testijiet fis-Slovakkja, fir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovenja u l-Polonja (il-Polonja għadha ma wettqitx l-istudju)	Ottubru 2017: Tnedija ta' Netwerk dwar il-Kwalità Doppja tal-Ikel ma' rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali, assoċjazzjonijiet tal-konsumatur u tal-industrija Kmieni fl-2018 : linji gwida disponibbli għall-approċċ ta' ttestjar armonizzat
Interazzjoni mal-produtturi u l-bejjiegħa	Ġunju 2017: Forum ta' Livell Għoli dwar il-funzjonament aħjar tal-katina tal-provvista tal-ikel Laqgħat regolari tal-Kummissarju Jourová mar-rappreżentanti tal-industrija	JInsabu għaddejjin Diskussjonijiet tal-Forum ta' Livell Għoli dwar l-impenni mill-industrija għat-trasparenza mal-konsumaturi dwar il-kwalità tal-ikel
Gwida għall-awtoritajiet nazzjonali	Settembru 2017 Adozzjoni tal-gwida	Il-Kummissjoni se tippromwovi l-gwida fost l-awtoritajiet u tgħinhom fl-implimentazzjoni tagħha